# 160 Sena mit-Tqegħid ta' l-Ewwel Ġebla tar-Rotunda tal-Mosta

minn Joseph Borg

It-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tar-Rotunda tagħna kien seħħ nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju, 1833, sewwa sew 160 sena ilu. Malta kienet, dak iż-żmien, kolonja ta' l-Ingilterra u għalhekk kellha, bħala gvernatur, lil Sir Frederick Cavendish Ponsonby li kien għen ħafna 'l-Mostin sabiex setgħu jagħtu bidu għall-bini tal-knisja l-ġdida tagħhom.



*Sir Frederick Cavendish Ponsonby, Pro-Gvernatur ta' Malta bejn l-1827 u l-1836.*

Bħala Isqof ta' Malta kellna lil Monsinjur Franġisku Saverju Caruana minn Ħaż-Żebbuġ li ma kienx favur li ssir il-pjanta ta' Ġorġ Grongnet u għalhekk lanqas biss ma kien preżenti għall-funzjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' din il-ġrajja hekk għażiża għal missirijietna. Minfloku kien ħatar u bagħat lill-Vigarju ħabrieki li kellu, l-Arċidjaknu tal-Katidral, il-Monsinjur Dun Salv Lanzon; ħaġa li kienet sewdet wisq qalb il-Mostin, imma daqstant ieħor kienu ferħu bil-preżenza tal-Gvernatur Ingliż.

Dak iż-żmien il-Mosta kellha popolazzjoni ta' 'l fuq minn 3,000 ruħ li kienu l-biċċa l-kbira tagħhom ħaddiema tar-raba'. Il-Parroċċa kellha bħala Kappillan lil Dun Feliċ Calleja miż-Żurrieq li kien ilu Kappillan tal-Mosta għal 36 sena sħaħ.

Fiż-żmien twil li kien ilu Kappillan, kien ilu jberren il-ħsieb f'moħħu tal-ħtieġa ta' knisja parrokkjali ikbar għall-Parroċċa li kienet qiegħda dejjem tikber. Fuq hekk kienu jaqblu miegħu l-Mostin ukoll. Imma kien donnu li l-bidu m'hu sejjer jasal qatt għax dejjem kien jara x'jinqala'.

Fl-aħħar, wara snin twal ta' taħbit u xkiel inqala' l-Arkitett-Inġinier mill-Belt Valletta Ġorġ Grongnet de Vassè. Dan ħareġ bl-idea ġdida ta' knisja tonda

b'disinn għal kollox differenti mill-bqija tal-knejjes ewlenin l-oħra tal-gżira. Il-knisja kellha tinbena madwar il-qadima, li b'xorti ħażina, kellha tiġi mwaqqgħa. Meta l-Kappillan Calleja ra l-pjanta ta' Grongnet dritt issaħħar fuqha. Lilu fakkritu fil-Pantheon famuż ta' Ruma l-qadima, dik il-knisja tal-għaġeb li fiha l-Kappillan Calleja kien għamel l-ewwel quddiesa tiegħu. Dun Feliċ ma riedx jaf bil-pjanti l-oħra. Għalkemm xiħ kien kappillan qalbieni għax b'kuraġġ mexa kontra l-kurrent ta' żmienu billi għażel pjanta li dehret ġdida u differenti kemm fil-għamla u kemm fid-disinn minn kif kienu l-bqija tal-knejjes parrokkjali Maltin ta' dak iż-żmien, barra milli wkoll kienet titlob gelgul ta' flus.

Il-Kappillan Calleja ma kellux ix-xorti li ta' lanqas jara l-bidu tal-knisja li tant



*Mons. Franġisku Saverju Caruana, Isqof ta' Malta bejn l-1831 u l-1847. (Ħajr: Kollezzjoni Chev. Joseph Borg)*



*Ġorġ Grongnet de Vassè (1774-1862) Arkitett-Inġinier tar-Rotunda*

xtaq li tinbena fil-Mosta u li għaliha kien ħalla ġidu kollu. Miet ta' 82 sena nhar l-20 ta' Frar, 1833, xahar wara li kien għamel it-testment privat tiegħu u tliet xhur qabel ma tqiegħdet l-ewwel ġebla. Il-Mosta kollha kienet bkietu! Kien sarlu funeral mill-aqwa u kien ġie midfun fil-knisja parrokkjali l-qadima quddiem l-artal tal-Lunzjata. Snin wara reġa' ġie midfun fir-Rotunda li tagħha kien il-fundatur ewlieni.

Tul l-aħħar 10 snin ta' ħajtu l-Kappillan Calleja kellu bħala kuġitur tiegħu lil Dun Ġammarì Schembri, li kien ukoll il-Viċi Parroku ta' ħutu l-Mostin. Fl-10 ta' Marzu, 1833 Dun Ġamm ħa l-pussess bħala l-15-il kappillan tal-Mosta. Quddiemu kellu

l-jum mistenni tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tar-Rotunda u sitta u għoxrin sena ta' ħidma u x-xogħol bla waqfien li kienet titlob biċċa xogħol hekk formidabbli.

Bħal warda mill-isbaħ li tiftaħ fix-xahar ta' Mejju hekk ukoll ix-xogħol tal-bini tar-Rotunda kellu jiftaħ fix-xahar ta' Mejju, ix-xahar tal-Madonna, Dik li għalina hija l-'Warda Mistika' u Dik li f'ġieħ it-Tlugħ Glorjuż Tagħha fis-Sema, ir-Rotunda kienet sejra tiġi mwaqqfa.

B'digriet tad-29 ta' Mejju, 1833, maħruġ mill-Palazz Arċiveskovili, l-Isqof Caruana kien ħatar l-Ill.mu u Rev.mu Dun Salv Lanzon S.Th.D. sabiex kif jgħid il-pontifikal u r-ritwal Ruman iqiegħed l-ewwel ħaġra. Id-digriet kien jitlob ukoll li għandu jitqiegħed dokument pubbliku tal-funzjonijiet li kellhom isiru. Dan hu bil-Malti dak li kien jgħid id-dokument bil-Latin:-



Il-Kappillan Dr. Dun Feliċ Calleja, Kappillan tal-Mosta bejn l-1797 u l-1833.



Il-Kappillan Dun Ġammarì Schembri. Beda l-parrokat tiegħu fl-1833 bit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tar-Rotunda.

"Bħala tifkira tat-30 ta' Mejju, 1833

Fl-isem t'Alla, hekk ikun.

L-Ill.mu u Rev.mu Dun Salv Lanzon, Għaref fis-Sagra Teoloġija, Arċidjaknu tal-Knisja Arċiveskovili u Katidrali ta' Malta u Vigarju ta' Dun Franġisku Saverju Caruana, Rev.mu Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' din id-Djoċesi ta' Malta, bħala wieħed magħżul għal ta' l-apposta mill-imfaħħar Isqof, kif jidher mid-dokumenti ma' hawn imwaħħlin, ġie

fil-pjazza tal-Mosta fejn in-nies ta' dan ir-raħal beħsiebhom jibnu knisja ġdida taħt l-isem tal-B. Marija Verġni fejn kien hemm imqiegħed salib ta' l-injam.

Wara li libes bl-ammittu, alba, stola, kappa bajda u mitra, l-imsemmi Vigarju qiegħed sollennement quddiem in-nies l-ewwel ħaġra bħala bidu ta' l-istess knisja skond kif jgħid ir-Ritwal Ruman, wara li kien berikha bl-ilma u skonġraha bil-melħ, ordna lili Kanċillier hawn taħt iffirmat, li nagħmel dokument pubbliku ta' dak li għedna.

Kien hemm il-Kanonku Kuġitur tal-Knisja mqaddsa tal-Katidral, Dun Ġużepp Sapian, Ġan Batist Mifsud J.U.D., Saverju Galea M.D., in-Nutar Franġisk Chetcuti J.U.D. u ħafna oħra mill-kleru u min-nies . Hekk ikun.

Fortunat Dalli Kanċillier"

L-aħjar deskrizzjoni ta' dak kollu li kien ġara ġewwa l-Mosta f'dik il-lejla mbiegħda, kienet dehret fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Ġunju 1833. Fost



*L-Arċipriet Dun Joe Carabott jagħti bidu għar-restawr tar-Rotunda nhar il-25 t'Ottubru ,1992. (Ritratt: Victor B. Caruana).*

affarijiet oħra ta' min jgħid li l-funzjoni li kienet saret fl-erbgħa ta' fil-għaxija kienet ġibdet ħafna nies. Kien hemm saħansitra l-Lwogotenent Gvernatur, bin-nies ta' madwaru, u ħafna min-nies l-iktar rispettabbli tal-gżira, Ingliżi kemm ukoll Maltin. Deputazzjoni magħmula mill-Kumitat tal-bini, il-Kleru u l-iktar nies magħrufa tar-raħal kienu laqgħu lill-Gvernatur taħt ark trijonfali mwaqqaf apposta. Kollu ħeġġa wkoll kien id-diskors li kien għamel il-Vigarju Ġenerali f'dik l-okkażjoni.

Intant wara sebgħa u għoxrin sena ta' ħidma erojka, missirijietna, mill-ewwel ġebla, irnexxielhom jaslu wkoll fl-aħħar ġebla! Il-ħolma tal-Mostin saret fl-aħħar realtà!

Minn dakinhar tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla sal-lum għaddew 160 sena. Kif missirijietna bnewha u għaddewha lilna hekk ukoll jixraq li aħna ngħadduha 'l dawk ta' warajna. Għall-aħħar tas-sena li għaddiet u l-bidu tas-sena li qegħdin fiha beda r-restawr tant meħtieġ u daqstant mixtieq u mistenni ta' din il-knisja tant għal qalbna. Jalla l-Mostin tal-lum, immexxijin mill-Arċipriet Dun Joe Carabott, jibqgħu jilqgħu l-appelli tiegħu u jwieġbu b'ġenerożità billi fuq l-eżempju ta' missirijietna jagħtu kemm jifilħu ħalli fl-aħħar nerġgħu naraw it-tempju tagħna restawrat minn barra u minn ġewwa, dejjem għall-ikbar glorja t'Alla u t'Ommu u Ommna Marija Assunta.

Riferenzi:

1. *Musta Its Memories and Charms - Rev. Edgar W. Salomone (1910).*
2. *Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha - E.B. Vella (1930).*
3. *Dizzjunarju Bijo-Bibblijografiku Nazzjonali - Rob. Mifsud Bonnici (1960).*